

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2016/2247 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-3 ta' Novembru 2016

dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/35)

(riformulazzjoni)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 26.2 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/21 ⁽¹⁾ ġiet emendata sostanzjalment bosta drabi. Billi jridu jsiru emendi ulterjuri, dik id-Deċiżjoni għandha tkun riformulata fl-interessi taċ-ċarezza.
- (2) Il-Linja Gwida BĊE/2010/20 ⁽²⁾ li għaliha tirreferi d-Deċiżjoni BĊE/2010/21 ġiet irriformulata u mħassra bil-Linja Gwida (EU) 2016/2249 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/34) ⁽³⁾,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. It-termini ddefiniti fl-Artikolu 1 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (ECB/2016/34) għandu jkollhom l-istess tifsira meta jintużaw f'din id-Deċiżjoni.
2. Termini tekniċi oħra użati f'din id-Deċiżjoni għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fl-Anness II tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw għall-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li jkopru l-karta tal-bilanċ, elementi rreġistrati fil-kotba tal-BĊE barra l-karta tal-bilanċ, il-kont tal-qligħ u t-telf u n-noti għall-kontijiet annwali tal-BĊE.

⁽¹⁾ Deċiżjoni BĊE/2010/21 tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-kontijiet annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 35, 9.2.2011, p. 1).

⁽²⁾ Linja Gwida BĊE/2010/20 tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (ĠU L 35, 9.2.2011, p. 31).

⁽³⁾ Linja Gwida (UE) 2016/2249 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 2016 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u għar-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (BĊE/2016/34) (ara paġna 37 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

*Artikolu 3***Karatteristiċi kwalitattivi**

Il-karatteristiċi kwalitattivi definiti fl-Artikolu 3 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) għandhom japplikaw għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4***Prinċipji bażiċi tal-kontabilità**

Il-prinċipji fundamentali tal-kontabilità ddefiniti fl-Artikolu 4 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) għandhom japplikaw ukoll għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

Bħala deroga mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(3) tal-Linja Gwida ((UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34), avvenimenti li seħħew wara l-karta tal-bilanċ għandhom jiġu kkunsidrati biss sad-data meta l-Bord Eżekuttiv jawtorizza l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-BĊE lill-Kunsill Governattiv għall-approvazzjoni.

*Artikolu 5***Metodi ekonomiċi u metodi ta' kontabilità skont id-data tal-ħlas**

Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) għandhom japplikaw għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6***Rikonoxximent tal-assi u l-passiv**

Assi/passiv finanzjarju jew ta' tip ieħor għandu jkun rikonoxxut biss fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE skont l-Artikolu 6 tal-Linja ta' Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

KAPITOLU II

KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TAL-VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ*Artikolu 7***Kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ**

Il-kompożizzjoni tal-karta tal-bilanċ għandha tkun ibbażata fuq l-istruttura stabbilita fl-Anness I.

*Artikolu 8***Provvediment għar-rata tal-kambju barrani, ir-rata ta' imġax, il-kreditu u r-riskji fil-prezz tad-deheb**

Wara illi jikkunsidra sew in-natura tal-attivitajiet tal-BĊE, il-Kunsill Governattiv jista' jstabbilixxi provvediment għar-rata tal-kambju barrani, ir-rata ta' imġax, il-kreditu u r-riskji fil-prezz tad-deheb fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE. Il-Kunsill Governattiv għandu jiddeċiedi dwar id-daqs u l-użu tal-provvediment fuq il-bażi ta' stima rraġunata tal-iskoperturi għar-riskju tal-BĊE.

*Artikolu 9***Regoli għall-valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ**

1. Ir-rati u l-prezzijiet kurrenti tas-suq għandhom jintużaw għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Anness I.
2. Ir-rivalutazzjoni tad-deheb, strumenti ta' valuta barranija, titoli (minbarra titoli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità u titoli mhux negozjabbli u titoli miżmumin għal finijiet tal-politika monetarja li jiġu kontabilizzati bi spejjeż ammortizzati), kif ukoll strumenti finanzjarji, kemm dawk li jidhru fuq il-karta tal-bilanċ kif ukoll dawk barra l-karta tal-bilanċ, għandha titwettaq fi tmiem is-sena bir-rati u l-prezzijiet medji tas-suq.

3. Ebdha distinzjoni m'għandha ssir bejn id-differenzi fil-prezz u r-rivalutazzjoni tal-valuta għad-deheb, iżda għandha tiġi kontabilizzata d-differenza fir-rivalutazzjoni tad-deheb, ibbażata fuq il-prezz f'euro għal kull unità ddefinita tal-piż tad-deheb li jirriżulta mir-rata tal-kambju euro/dollaru Amerikan fid-data tar-rivalutazzjoni trimestrali. Għall-kambju barrani, inklużi t-tranżazzjonijiet li jidhru fuq il-karta tal-bilanċ u dawk barra l-karta tal-bilanċ, ir-rivalutazzjoni għandha ssir fuq il-bażi ta' valuta b'valuta. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, drittijiet speċjali ta' kreditu (SDRs), inklużi investimenti individwali f'kambju barrani indikat bħala bażi għall-basket SDR, għandhom jiġu ttrattati bħala investment wieħed. Għal titoli, ir-rivalutazzjoni għandha ssir fuq il-bażi ta' kodiċi b'kodiċi, jiġifieri l-istess numru/tip ISIN, filwaqt li kwalunkwe opzjonijiet inkorporati ma għandux jiġi sseparat għal finijiet ta' valutazzjoni. Titoli miżmumin għall-finijiet tal-politika monetarja jew inklużi fil-partiti "Assi finanzjarji oħrajn" jew "Varji" għandhom jiġu ttrattati bħala investimenti separati.

4. Titoli negozjabbli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja għandhom jiġu ttrattati bħala investimenti separati u għandhom jiġu vvalutati jew bil-prezz tas-suq jew bi prezz amortizzat (bla ħsara għall-indeboliment), jiddependi fuq kunsiderazzjonijiet ta' politika monetarja.

5. Titoli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità għandhom jiġu ttrattati bħala investimenti separati u għandhom jiġu vvalutati bħala spejjeż ammortizzati (suġġetti għall-indeboliment). L-istess trattament għandu jingħata lil titoli li mhumiex negozjabbli. Titoli klassifikati bħala miżmumin sal-maturità u titoli mhux negozjabbli jistgħu jinbiegħu qabel il-maturità tagħhom f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- jekk il-kwantità mibjugħa hija meqjusa bħala mhux sinifikanti meta mqabbla mal-ammont totali tal-portafoll ta titoli miżmumin sal-maturità;
- jekk it-titoli jinbiegħu matul xahar qabel id-data tal-maturità;
- f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal pereżempju d-deterjorazzjoni sinifikanti tal-affidabbiltà kreditizzja ta' min jagħmel il-ħruġ.

Artikolu 10

Tranżazzjonijiet bil-maqlub

Għandu jingħata rendikont għat-tranżazzjonijiet b'lura skont l-Artikolu 10 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

Artikolu 11

Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli

Għandu jingħata rendikont tal-istrumenti ta' ekwità negozjabbli skont l-Artikolu 11 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

Artikolu 12

Hedging tar-riskju tar-rata ta' imgħax fuq titoli b'derivati

Għandu jingħata rendikont għall-hedging tar-riskju tar-rata' ta' imgħax skont l-Artikolu 12 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

Artikolu 13

Strumenti sintetiċi

Għandu jingħata rendikont tal-istrumenti sintetiċi skont l-Artikolu 13 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

KAPITOLU III

RIKONOXXIMENT TAD-DĦUL

Artikolu 14

Rikonoxximent tad-dħul

1. L-Artikolu 15(1), (2), (3), (5) u (7) tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) għandu japplika għar-rikonoxximent tad-dħul.

2. Investimenti f'kontijiet ta' rivalutazzjoni speċjali li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem "l-istatut tal-SEBĊ") fir-rigward tal-banek ċentrali ta' Stati Membri li għalihom id-deroga tkun ġiet abrogata għandhom jintużaw biex ipaċu telf mhux realizzat meta dan jeċċedi qligħ ta' rivalutazzjoni preċedenti rreġistrat fil-kont ta' rivalutazzjoni standard korrispondenti kif stabbilit fl-Artikolu 15(1)(ċ) tal-Linja ta' Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34), qabel ma dan it-telf jiġi paċut skont l-Artikolu 33.2 tal-Istatut tas-SEBĊ. L-investimenti f'kontijiet speċjali ta' rivalutazzjoni għad-deheb, għall-valuti u għat-titoli għandhom jitnaqqsu pro rata f'każ ta' tnaqqis fl-investimenti tal-assi rilevanti.

Artikolu 15

Prezz tat-tranżazzjonijiet

L-Artikolu 16 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) għandu japplika għal din id-Deċiżjoni.

KAPITOLU IV

REGOLI TA' KONTABILITA' GĦAL STRUMENTI BARRA L-KARTA TAL-BILANĊ

Artikolu 16

Regoli ġenerali

L-Artikolu 17 tal-Linja ta' Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) għandu japplika għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 17

Tranżazzjonijiet bil-quddiem b'kambju barrani

Għandu jingħata rendikont għat-tranżazzjonijiet bil-quddiem skont l-Artikolu 18 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

Artikolu 18

Swaps tal-kambju barrani

Għandu jingħata rendikont għall-swaps tal-kambju barrani skont l-Artikolu 19 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

Artikolu 19

Kuntratti futuri

Għandu jingħata rendikont ta' kuntratti futuri skont l-Artikolu 20 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

Artikolu 20

Tpartit tar-rata ta' imgħax

Għandu jingħata rendikont għall-swaps tar-rata tal-imgħax skont l-Artikolu 21 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

Telf mhux realizzat li jiġi ttrasferit għall-kont tal-qligħ u t-telf fl-aħħar tas-sena għandu jiġi amortizzat fis-snin sussegwenti skont il-metodu tal-linja dritta. Għal swaps tar-rata ta' imgħax bil-quddiem, l-amortizzament għandu jibda sa mid-data tal-valur tat-tranżazzjoni.

*Artikolu 21***Ftehim tar-rata bil-quddiem**

Għandu jingħata rendikont tal-ftehim tar-rata bil-quddiem skont l-Artikolu 22 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

*Artikolu 22***Tranżazzjonijiet ta' titoli bil-quddiem**

Għandu jingħata rendikont tat-tranżazzjonijiet bil-quddiem ta' titoli skont il-Metodu A fl-Artikolu 23(1) tal-Linja ta' Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

*Artikolu 23***Opzjonijiet**

Għandu jingħata rendikont ta' opzjonijiet skont l-Artikolu 24 tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

KAPITOLU V

PUBBLIKAZZJONI TAL-KARTA TAL-BILANĊ U TAL-KONT TAL-QLIGĦ U T-TELF ANNWALI*Artikolu 24***Formati**

1. Il-format tal-karta tal-bilanċ annwali ppubblikata tal-BĊE għandu jsegwi l-format fl-Anness II.
2. Il-format tal-kont tal-qligħ u t-telf ippubblikat tal-BĊE għandu jkun konformi mal-Anness III.

KAPITLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*Artikolu 25***Żvilupp, applikazzjoni u interpretazzjoni ta' regoli**

1. Fl-interpretazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għandu jiġi kkunsidrat ukoll ix-xogħol preparatorju, il-prinċipji tal-kontabilità armonizzati bil-liġi tal-Unjoni u l-istandards tal-kontabilità aċċettati ġeneralment.
2. Jekk trattament ta' kontabilità speċifiku mhux stabbilit f'din id-Deċiżjoni u fin-nuqqas ta' deċiżjoni bil-kontra mill-Kunsill Governattiv, il-BĊE għandu jsegwi l-prinċipji ta' valutazzjoni skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju kif adottati mill-Unjoni Ewropea, li huma rilevanti għall-attivitajiet u l-kontijiet tal-BĊE.

*Artikolu 26***Revoka**

1. Id-Deċiżjoni BĊE/2010/21 hija b'dan irrevokata.
2. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2016.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-3 ta' Novembru 2016.

Il-President tal-BĊE
Mario DRAGHI

KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TAL-VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ

ASSI

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
1	Deheb u ammonti riċevibbli fdeheb	Deheb fiżiku, jiġifieri ingotti, muniti, platti, biċċiet tad-deheb maħżunin jew “under way”. Deheb mhux fiżiku, bħal ma huma bilanċi f’gold sight accounts (kontijiet mhux allokat), depożiti b’terminu u krediti biex jiġi rċevut deheb li jirriżultaw mit-tranżazzjonijiet li ġejjin: (a) tranżazzjonijiet ta’ titjib jew tnaqqis fil-grad; u (b) lokazzjoni tad-deheb jew jew purity swaps fejn hemm differenza ta’ aktar minn jum ta’ negozju wieħed bejn ir-rilaxx u r-riċevuta	Valur tas-suq
2	Kreditu kontra residenti minn barra ż-żona tal-euro ddenominati f’valuta barranija	Kreditu kontra kontropartijiet residenti barra ż-żona tal-euro inklużi istituzzjonijiet internazzjonali u sovrannazzjonali u banek ċentrali barra ż-żona tal-euro ddenominati f’valuta barranija	
2.1	Ammonti riċevibbli mill-Fond Monetariju Internazzjonali (IMF)	<p>(a) Drittijiet ta’ kreditu fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett) Kwota nazzjonali bil-bilanċi f’euro mnaqqsin għad-dispożizzjoni tal-IMF. Il-kont Nru 2 tal-IMF (kont f’euro għal spejeż amministrattivi) jista’ jiġi inkluż taħt din il-partita jew taħt il-partita “Passiv għar-residenti barra ż-żona tal-euro denominati f’euro”</p> <p>(b) Drittijiet speċjali ta’ ġbid (DSP) Investimenti f’SDRs (gross)</p> <p>(c) Kreditu oħrajn Arranġamenti ġenerali għat-teħid ta’ self, self taħt arranġamenti speċjali ta’ teħid ta’ self, depożiti li jsiru fi trusts taħt il-ġestjoni tal-IMF</p>	<p>(a) Drittijiet ta’ kreditu fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett) Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>(b) SDRs Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>(c) Kreditu oħrajn Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p>
2.2	Bilanċi ma’ banek u investimenti f’titoli, self barrani u assi esterni oħrajn	(a) Bilanċi ma’ banek barra ż-żona tal-euro li mhumiex dawk li jaqgħu taħt il-partita 11.3 tal-assi “Assi finanzjarji oħrajn” Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet repo bil-maqlub	(a) Bilanċi ma’ banek barra ż-żona euro Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
		<p>(b) Investimenti f'titoli barra ż-żona tal-euro li mhumiex daww taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn" Noti u bonds, kambjali, bonds zero, titoli tas-suq tal-flus, strumenti ta' ekwità miżmumin bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti barra ż-żona tal-euro</p> <p>(c) Self barrani (depożiti) lil residenti barra ż-żona tal-euro li mhumiex daww taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"</p> <p>(d) Assi barranin oħrajn Karti tal-flus u muniti mhux taż-żona tal-euro</p>	<p>(b) (i) Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra daww miżmumin sal-maturità Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iv) Strumenti ta' ekwità negozjabbli Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani</p> <p>(c) Self barrani Depożiti skont il-valur nominali, maqlubin bir-rata tas-suq tal-kambju ta' flus barranin</p> <p>(d) Assi barranin oħrajn Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani</p>
3	Krediti kontra residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija	<p>(a) Investimenti f'titoli fiż-żona tal-euro li mhumiex daww taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn" Noti u bonds, kambjali, bonds zero, titoli tas-suq tal-flus, strumenti ta' ekwità miżmumin bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti taż-żona tal-euro</p>	<p>(a) (i) Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra daww miżmumin sal-maturità Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p>

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
		(b) krediti oħrajn kontra residenti taż-żona tal-euro li mhumiex dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 “Assi finanzjarji oħrajn” Self, depożiti, tranżazzjonijiet repo bil-maqlub, self varju	(iv) <i>Strumenti ta’ ekwità negozjabbli</i> Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani (b) Krediti oħrajn Depożiti u self ieħor skont il-valur nominali, maqlubin bir-rata tas-suq tal-kambju barrani
4	Krediti kontra residenti minn barra ż-żona tal-euro denominati f’euro		
4.1	Bilanċi ma’ banek, investimenti f’titoli u self	(a) Bilanċi ma’ banek barra ż-żona tal-euro li mhumiex dawk li jaqgħu taħt il-partita nru. 11.3 tal-attiv “Assi finanzjarji oħrajn” Kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu fiss, flus minn jum għal jum, transazzjonijiet repo b’lura marbutin mal-ġestjoni ta’ titoli ddenominati f’euro (b) Investimenti f’titoli barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 “Assi finanzjarji oħrajn” Strumenti ta’ ekwità, noti u bonds, kambjali, bonds zero, titoli tas-suq tal-flus, kollha maħruġin minn residenti minn barra ż-żona tal-euro (c) Self lil residenti minn barra ż-żona euro li mhumiex dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 “Assi finanzjarji oħrajn”	(a) Bilanċi ma’ banek barra ż-żona euro Valur nominali (b) (i) <i>Titoli ta’ dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</i> Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (ii) <i>Titoli ta’ dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità</i> Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (iii) <i>Titoli ta’ dejn mhux negozjabbli</i> Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat (iv) Strumenti ta’ ekwità negozjabbli Prezz tas-suq (c) Self barra ż-żona euro Depożiti skont il-valur nominali

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
		<p>(d) Titoli maħruġin minn entitajiet barra ż-żona tal-euro li mhu-miex dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 “Assi finanzjarji oħ-rajn” u l-partita tal-assi 7.1 “Titoli miżmuma għall-finijiet tal-politika monetarja”</p> <p>Titoli maħruġin minn organizzazzjonijiet sovrannazzjonali jew internazzjonali, eż. il-Bank Ewropew tal-Investment, irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom, u mhux mixtrija għal finijiet tal-politika monetarja</p>	<p>(d) (i) Titoli ta’ dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) Titoli ta’ dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(iii) Titoli ta’ dejn mhux negozjabbli Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p>
4.2	Krediti li jirriżultaw mill-faċilità ta’ kreditu taħt il-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju (ERM II)	Self skont il-kundizzjonijiet tal-ERM II	Valur nominali
5	Self lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f’euro	Partiti 5.1 sa 5.5: tranżazzjonijiet skont l-instrumenti rispettivi tal-politika monetarja deskritti fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ⁽¹⁾	
5.1	Operazzjonijiet ta’ rifinanzjament ewlenin	Tranżazzjonijiet bil-maqlub regolari li jipprovdu l-likwidità ta’ kull ġimgħa u li normalment għandhom maturità ta’ ġimgħa.	Valur nominali jew kost repo
5.2	Operazzjonijiet ta’ rifinanzjament fuq żmien itwal	Tranżazzjonijiet bil-maqlub regolari li jipprovdu likwidità bi frekwenza ta’ kull xahar, u b’-maturità itwal minn dik ta’ operazzjonijiet ewlenin ta’ rifinanzjament	Valur nominali jew kost repo
5.3	Operazzjonijiet ta’ rfinar bil-maqlub	Tranżazzjonijiet bil-maqlub, eżegwiti bħala tranżazzjonijiet <i>ad hoc</i> għal finijiet ta’ rfinar	Valur nominali jew kost repo
5.4	Operazzjonijiet strutturali bil-maqlub	Tranżazzjonijiet bil-maqlub li jaġġustaw il-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju	Valur nominali jew kost repo

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
5.5	Faċilità ta' self marġinali	Faċilità ta' likwidità mil-lejl għan-nhar b'rata ta' imgħax fuq assi eliġibbli speċifikata minn qabel (faċilità permanenti)	Valur nominali jew kost repo
5.6	Kreditu relatati ma' sejħiet marġinali	Kreditu addizzjonali lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżulta minn żidiet fil-valur tal-assi sottostanti fir-rigward ta' kreditu ieħor lil dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu	Valur nominali jew kost
6	Kreditu oħra kontra istituzzjonijiet ta' kreditu denominati f'euro	Kontijiet kurrenti, depożiti għal perijodu fiss, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet repo bil-maqlub b'rabta mal-amministrazzjoni ta' portafolli ta' titoli taħt il-partita 7 tal-assi "Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro denominati f'euro", inklużi tranżazzjonijiet li jirriżultaw mit-trasformazzjoni tar-riżervi ta' qabel ta' valuta barranija taż-żona tal-euro u krediti oħrajn. Kontijiet korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux domestiċi fiż-żona tal-euro. Krediti u operazzjonijiet oħrajn mhux relatati ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.	Valur nominali jew kost
7	Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro denominati f'euro		
7.1	Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja	Titoli miżmuma għal finijiet tal-politika monetarja (inklużi titoli mixtrija għal finijiet tal-politika monetarja maħruġa minn organizzazzjonijiet sovranazzjonali u internazzjonali, jew banek tal-iżvilupp multilaterali, irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom). Ċertifikati ta' dejn tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) mixtrijin għal finijiet ta' rfinar	<p>(a) Titoli negozjabbli ta' dejn</p> <p>Kontabilizzati skont konsiderazzjonijiet tal-politika monetarja:</p> <p>(i) Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(ii) Kost suġġett għall-indeboliment (kost meta l-indeboliment huwa kopert minn provvediment taħt il-partita nru. 13(b) tal-passiv "Provvedimenti") Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(b) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli</p> <p>Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p>
7.2	Titoli oħra	Titoli minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 7.1 "Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja" u taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"; karti tal-flus u bonds, kambjali, bonds żero, strumenti tas-suq tal-flus miżmumin għal kollox, inklużi titoli tal-gvern li jirriżultaw minn qabel l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), iddenominati f'euro. Strumenti ta' ekwità	<p>(a) Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità</p> <p>Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p>

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
			<p>(b) Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(c) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p> <p>(d) Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli Prezz tas-suq</p>
8	Dejn tal-gvern ġenerali ddenominat f'euro	Krediti fuq il-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UEM (titoli mhux negozjabbli, self)	Depożiti/self bil-valur nominali, titoli mhux negozjabbli skont il-kost
9	Krediti Intra-Eurosistema		
9.1	Krediti marbutin mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE	Krediti intra-Eurosistema fil-konfront ta' banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), li jirriżultaw mill-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE	Kost
9.2	Krediti marbutin mal-allokazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema	Krediti marbutin mal-ħruġ ta' karti tal-flus mill-BĊE, skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 ⁽²⁾	Valur nominali
9.3	Krediti oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (nett)	<p>Pożizzjoni nett tas-sub-partiti li ġejjin:</p> <p>(a) krediti netti li jirriżultaw mil-bilanċi tal-kontijiet TARGET2 u kontijiet korrispondenti tal-BĊNi, jiġifieri ċ-ċifra netta tal-krediti u l-passiv Ara ukoll il-partita tal-passiv 10.2 "Passiv ieħor fi ħdan l-Eurosistema (nett)"</p> <p>(b) krediti oħrajn intra-Eurosistema denominati f'euro li jistgħu jirriżultaw, inkluża d-distribuzzjoni proviżorja tad-dħul tal-BĊE lil BĊNi</p>	<p>(a) Valur nominali</p> <p>(b) Valur nominali</p>
10	Partiti fil-proċess li jiġu saldati	Bilanċi fil-kont tas-saldu (krediti), inkluż iċ-ċaqliq taċ-ċekkijiet li qed jinġabru	Valur nominali

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
11	Assi oħrajn		
11.1	Muniti taż-żona tal-euro	Muniti Euro	Valur nominali
11.2	Assi fissi tanġibbli u intanġibbli	Art u bini, għamara u tagħmir inkluż tagħmir tal-kompjuter, software	<p>Kost wara d-deprezzament</p> <p>Id-deprezzament huwa l-allokkazzjoni sistematika tal-ammont deprezzabbli ta' assi fuq il-perijodu ta' utilità tiegħu. Il-perijodu ta' utilità huwa l-perijodu li matulu assi fissi huma mistennija li jkunu jistgħu jintużaw mill-entità. Il-perijodi ta' utilità ta' assi fissi materjali individwali jistgħu jiġu riveduti fuq bażi sistematika, jekk l-aspettattivi jkunu differenti mill-istimi preċedenti. L-assi ewlenin jistgħu jinkludu komponenti b'perijodi ta' utilità differenti. Il-perijodi ta' utilità ta' dawn il-komponenti għandhom ikunu vvalutati individwalment.</p> <p>Il-kost tal-assi intanġibbli jinkludi l-kost għall-akkwist tal-assi mhux tanġibbli. Spejjeż oħrajn diretti jew indiretti għandhom jiġu nklużi</p> <p>Kapitalizzazzjoni tan-nefqa: ibbażata fuq il-limitu (taħt EUR 10 000 eskluża l-VAT; mingħajr kapitalizzazzjoni)</p>
11.3	Assi finanzjarji oħrajn	<ul style="list-style-type: none"> — Interessi parteċipanti u investimenti f'sussidjarji; ishma azzjonarji miżmumin għal raġunijiet strateġiċi/ta' politika — Titoli inklużi ekwitajiet, u strumenti finanzjarji u bilanċi oħrajn inklużi d-depożiti għal terminu fiss u kontijiet kurrenti miżmumin bħala portafoll immarkat — Tranżazzjonijiet repo bil-maqlub ma' istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mal-ġestjoni ta' portafolli ta' titoli taħt din il-partita 	<p>(a) Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli Prezz tas-suq</p> <p>(b) Interessi parteċipanti u ishma azzjonarji mhux likwidi, u kwalunkwe strumenti ta' ishma azzjonarji oħrajn miżmuma bħala investimenti permanenti Kost suġġett għal indeboliment</p> <p>(c) Investiment f'sussidjarji jew interessi sinifikanti Valur tal-assi nett</p> <p>(d) Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità Prezz tas-suq Primjums/skontijiet huma ammortizzati</p> <p>(e) Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità jew miżmumin bħala investment permanenti Kost suġġett għal indeboliment Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat</p>

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
			(f) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli Kost suġġett għal indeboliment (g) Bilanċi ma' banek u self Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani jekk il-bilanċi/id-depożiti huma ddenominati f'valuti barranin
11.4	Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ	Riżultati tal-valutazzjoni ta' forwards ta' valuta barranija, swaps ta' valuta barranija, swaps tar-rata tal-imgħax (sakemm ma tapplikax il-marġni ta' varjazzjoni ta' kuljum), ftehim forward tar-rata, tranżazzjonijiet forward f'titoli, tranżazzjonijiet spot tal-kambju mid-data tan-negozju sad-data tas-saldu	Il-pożizzjoni netta bejn forward u spot, skont ir-rata tas-suq tal-kambju barrani
11.5	Dovuti u spejjeż imħallsin minn qabel	Dħul mhux dovut, imma assenjabbli fil-perijodu rrappurtat. Prezz mħallsa minn qabel u imgħax akkumulat imħallas, jiġifieri imgħax akkumulat mixtri b'titolu	Valur nominali, valuta barranija maqluba skont ir-rata tas-suq
11.6	Varji	(a) Avvanzi, self u partiti minuri oħra. Self mogħti fuq bażi ta' fiduċja (b) Investimenti marbutin ma' depożiti ta' deheb tal-klijent (c) Assi nett tal-pensjoni (d) Krediti pendenti li jirriżultaw mill-inadempjenza tal-kontropartijiet tal-Eurosistema fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema (e) Assi jew krediti (fil-konfront ta' terzi) negozjati u/jew miksubin fil-kuntest tar-realizzazzjoni tal-garanzija ppreżentata mill-kontropartijiet tal-Eurosistema li huma inadempjenti	(a) Valur nominali jew kost (b) Valur tas-suq (c) Skont l-Artikolu 25(2) (d) Valur nominali/li jista' jiġi rkuprat (qabel/wara s-saldu tat-telf) (e) Kost (maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fil-ħin tal-akkwist jekk l-assi finanzjarji huma ddenominati f'valuti barranin)
12	Telf għas-sena		Valur nominali

(¹) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

(²) Deċiżjoni BĊE/2010/29 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro (ĠU L 35, 9.2.2011, p. 26).

PASSIV

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
1	Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni	Karti tal-flus euro maħruġin mill-BĊE, skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/29	Valur nominali
2	Passiv lejn istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro marbutin mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro	Partiti 2.1, 2.2, 2.3 u 2.5: depożiti f'euro kif deskritti fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60)	
2.1	Kontijiet kurrenti (li jkopru s-sistema ta' riżervi minimi)	Kontijiet denominati f'euro ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li huma inklużi fil-lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji soġġetti għar-riżervi minimi skont l-Istatut tas-SEBĊ. Din il-partita tinkludi primarjament kontijiet użati sabiex jinżammu riżervi minimi	Valur nominali
2.2	Faċilità ta' depożitu	Depożiti mil-lejl għan-nhar b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel (faċilità permanenti)	Valur nominali
2.3	Depożiti b'terminu fiss	Ġbir għall-finijiet ta' assorbiment tal-likwidità minħabba operazzjonijiet ta' kalibrizzjoni	Valur nominali
2.4	Operazzjonijiet ta' rfinar bil-maqlub	Tranżazzjonijiet b'rabta mal-politika monetarja bil-għan li jkun hemm assorbiment ta' likwidità	Valur nominali jew kost repo
2.5	Depożiti relatati ma' sejħiet marġinali	Depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżultaw minn tnaqqis fil-valur ta' assi sottostanti fil-konfront ta' krediti lejn dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu	Valur nominali
3	Passiv ieħor għal residenti oħra taż-żona tal-euro denominati f'euro	Tranżazzjonijiet repo konnessi ma' tranżazzjonijiet repo bil-maqlub simultanja għall-ġestjoni ta' portafolli ta' titoli taħt il-partita nru. 7 tal-assi "Titoli ta' residenti fiż-żona tal-euro denominati f'euro". Operazzjonijiet oħrajn mhux relatati mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. Ebda kontijiet kurrenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu	Valur nominali jew kost repo
4	Ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊE	Ċertifikati ta' dejn kif deskritt fl-Anness fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60). Karta ta' skont, maħruġa bil-għan li jkun hemm assorbiment ta' likwidità	Kost Kull skont huwa ammortizzat

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
5	Passiv fil-konfront ta' residenti oħra taż-żona tal-euro denominati f'euro		
5.1	Gvern ġenerali	Kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu fiss, depożiti ripagabbli mat-talba	Valur nominali
5.2	Passiv ieħor	Kontijiet kurrenti tal-persunal, ta' kumpaniji u ta' klijenti inklużi istituzzjonijiet finanzjarji elenkati bħala eżenti mill-obbligu li jżommu riżervi minimi (Ara l-partita tal-passiv 2.1); depożiti għal terminu fiss, depożiti ripagabbli mat-talba	Valur nominali
6	Passiv għal residenti mhux taż-żona tal-euro denominati f'euro	Kontijiet kurrenti, depożiti għal terminu fiss, depożiti ripagabbli mat-talba inklużi kontijiet miżmumin għal finijiet ta' ħlas u kontijiet miżmumin għal finijiet ta' ġestjoni tar-riżervi; ta' banek oħra, banek ċentrali, istituzzjonijiet internazzjonali/sovrannazzjonali inkluża l-Kummissjoni Ewropea; kontijiet kurrenti ta' depożitanti oħra. Tranżazzjonijiet repo b'rabta mat-tranżazzjonijiet repo simultanzi bil-maqlub għall-ġestjoni ta' titoli denominati f'euro. Bilanċi ta' kontijiet TARGET2 tal-banek ċentrali ta' Stati Membri li l-valuta tagħhom mhijiex l-euro	Valur nominali jew kost repo
7	Passiv għal residenti taż-żona tal-euro denominati f'valuta barranija	Kontijiet kurrenti Passiv taħt tranżazzjonijiet repo; normalment tranżazzjonijiet ta' investment permezz ta' assi f'valuta barranija jew deheb	Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fi tmiem is-sena
8	Passiv fil-konfront ta' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'valuta barranija		
8.1	Depożiti, bilanċi u passiv ieħor	Kontijiet kurrenti Passiv taħt tranżazzjonijiet repo; normalment tranżazzjonijiet ta' investment permezz ta' assi f'valuta barranija jew deheb	Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fi tmiem is-sena
8.2	Obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt ERM II	Self skont il-kundizzjonijiet tal-ERM II	Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fi tmiem is-sena
9	Il-kontroparti ta' drittijiet speċjali ta' kreditu allokati mill-IMF	Element denominat bħala SDR li juri l-ammont ta' SDRs li kienu oriġinalment allokati lil kull pajjiż/BĊN rispettiv	Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fi tmiem is-sena

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
10	Passiv Intra-Eurosistema		
10.1	Passiv ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin	Element fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE, denominat feuro	Valur nominali
10.2	Passiv ieħor fi ħdan l-Eurosistema (nett)	Pożizzjoni nett tas-sub-partiti li ġejjin: (a) Krediti netti li jirriżultaw mil-bilanċi tal-kontijiet TARGET2 u kontijiet korrispondenti tal-BĊNi, jiġifieri ċ-ċifra netta tal-krediti u l-passiv. Ara ukoll il-partita tal-passiv 9.3 "Krediti oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (nett)" (b) passiv ieħor intra-Eurosistema denominat feuro li jista' jirriżulta, inkluża d-distribuzzjoni proviżorja tad-dħul tal-BĊE lil-l-BĊNi	(a) Valur nominali (b) Valur nominali
11	Partiti fil-proċess li jiġu saldati	Bilanċi fil-kont tas-saldu (passiv), inkluż iċ-ċaqliq ta' trasferimenti giro	Valur nominali
12	Passiv ieħor		
12.1	Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ	Riżultati tal-valutazzjoni ta' forwards ta' valuta barranija, swaps ta' valuta barranija, swaps tar-rata tal-imgħax (sakemm ma tapplikax il-marġni ta' varjazzjoni ta' kuljum), ftehim forward tar-rata, tranżazzjonijiet forward f'titoli, tranżazzjonijiet spot tal-kambju mid-data tan-negozju sad-data tas-saldu	Il-pożizzjoni netta bejn forward u spot, skont ir-rata tas-suq tal-kambju barrani
12.2	Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem	Nefqa li ssir dovuta f'perjodu fil-futur imma marbuta mal-perjodu ta' rapportar. Dħul riċevut fil-perjodu rrapportat imma marbut ma' perjodu futur	Valur nominali, valuta barranija maqluba skont ir-rata tas-suq
12.3	Varji	(a) Kontijiet provviżorji għat-taxxa. Kreditu f'valuta barranija jew kontijiet li jkopru l-garanzija. Tranżazzjonijiet repo ma' istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mat-tranżazzjonijiet repo simultani bil-maqlub għall-ġestjoni ta' portafolli ta' titoli taħt il-partita nru. 11.3 tal-assi "Assi finanzjarji oħrajn". Depożiti obbligatorji li mhumiex depożiti ta' riżerva. Partiti minuri oħra. Obbligazzjonijiet fuq bażi fiduċjarja. (b) Depożiti f'deheb tal-konsumatur (c) Obbligazzjonijiet tal-pensjoni netti	(a) Valur nominali jew kost (repo) (b) Valur tas-suq (c) Skont l-Artikolu 25(2)

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
13	Provvedimenti	<p>(a) Għar-rata tal-kambju barrani, rata ta' imgħax, riskji fil-kreditu u fil-prezz tad-deheb, u għal finijiet oħra, eż spejjeż mistennija fil-futur u kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ għal dak li jirrigwarda banek ċentrali ta' Stati Membri li d-derogi tagħhom ġew abrogati.</p> <p>(b) Għal riskji tal-kontroparti jew tal-kreditu li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' politika monetarja</p>	<p>(a) Kost/valur nominali</p> <p>(b) Valur nominali (ibbażat fuq valutazzjoni fi tmiem is-sena mill-Kunsill Governattiv)</p>
14	Kontijiet ta' rivalutazzjoni	<p>(a) Kontijiet ta' rivalutazzjoni marbutin ma' movimenti fil-prezz tad-deheb, għal kull tip ta' titoli denominati f'euro, għal kull tip ta' titoli denominati f'valuta barranija, għal opzjonijiet; differenzi fil-valutazzjoni tas-suq marbutin ma' derivattivi tar-rata ta' imgħax; kontijiet ta' rivalutazzjoni marbutin ma' ċaqliq fir-rata tal-kambju għal kull pożizzjoni netta ta' valuta barranija, inklużi swaps/forwards ta' kambju barrani u SDRs</p> <p>Kontijiet speċjali ta' rivalutazzjoni li joriġinaw minn kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ fil-rigward ta' banek ċentrali ta' Stati Membri li d-derogi tagħhom ġew abrogati. Ara l-Artikolu 14(2)</p> <p>(b) Ir-riżultati tal-kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni ta' benefiċċju definit nett (assi) fir-rigward ta' benefiċċji ta' wara l-impjeg, li hija l-pożizzjoni nett tas-subpartiti li ġejjin:</p> <p>(i) Qligħ u telf attwarjali fil-valur preżenti ta-obbligu tal-benefiċċju ddefinit;</p> <p>(ii) Ir-redditu fuq l-assi tal-pjan, esklużi l-ammonti inklużi fl-imgħax nett fuq obbligazzjoni ta' benefiċċju definit nett (assi)</p> <p>(iii) Kull tibdil fl-effett tal-massimu tal-assi, esklużi l-ammonti inklużi fl-imgħax nett fuq l-obbligazzjoni ta' benefiċċju definit nett (assi)</p>	<p>(a) Differenza fir-rivalutazzjoni bejn il-kost medju u l-valur tas-suq, bil-kambju barrani maqlub bir-rata tas-suq</p> <p>(b) Skont l-Artikolu 25(2)</p>
15	Kapital u riżervi		
15.1	Kapital	Kapital imħallas	Valur nominali

	Partita tal-karta tal-bilanċ	Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni
15.2	Riżervi	Riżervi legali, skont l-Artikolu 33 tal-Istatut tas-SEBĊ u kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ fir-rigward ta' banki ċentrali ta' Stati Membri li d-derogi tagħhom ġew abrogati	Valur nominali
16	Profitt għas-sena		Valur nominali

Karta tal-bilanċ annwali tal-BĊE

(EUR miljun ⁽¹⁾)

Assi ⁽²⁾	Sena tar-rappurtar	Sena preċedenti	Passiv	Sena tar-rappurtar	Sena preċedenti
1. Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb 2. Krediti kontra residenti minn barra ż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija 2.1. Ammonti riċevibbli mill-IMF 2.2. Bilanċi ma' banek u investimenti f'titoli, self barrani u assi esterni oħrajn 3. Krediti kontra residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija 4. Krediti kontra residenti minn barra ż-żona tal-euro denominati feuro 4.1. Bilanċi ma' banek, investimenti f'titoli u self 4.2. Krediti li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt ERM II 5. Self lill-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati feuro 5.1. Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin 5.2. Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal 5.3. Operazzjonijiet ta' rfinar bil-maqlub 5.4. Operazzjonijiet strutturali bil-maqlub 5.5. Faċilità ta' self marġinali 5.6. Krediti relatati ma' sejħiet marġinali 6. Krediti oħra kontra istituzzjonijiet ta' kreditu denominati feuro			1. Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni 2. Passiv lejn istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro marbutin mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati feuro 2.1. Kontijiet kurrenti (li jkopru s-sistema ta' riżervi minimi) 2.2. Faċilità ta' depożitu 2.3. Depożiti b'terminu fiss 2.4. Operazzjonijiet ta' rfinar bil-maqlub 2.5. Depożiti relatati ma' sejħiet marġinali 3. Passiv ieħor għal residenti oħra taż-żona tal-euro denominati feuro 4. Ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊE 5. Passiv fil-konfront ta' residenti oħra taż-żona tal-euro denominati feuro 5.1. Gvern ġenerali 5.2. Obbligazzjonijiet oħrajn 6. Passiv għal residenti mhux taż-żona tal-euro denominati feuro 7. Passiv għal residenti taż-żona tal-euro denominati f'valuta barranija 8. Passiv fil-konfront ta' residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'valuta barranija 8.1. Depożiti, bilanċi u passiv ieħor		

(EUR miljun (!))

Assi (?)	Sena tar-rappurtar	Sena preċedenti	Passiv	Sena tar-rappurtar	Sena preċedenti
7. Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro denominati f'euro			8.2. Obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt ERM II		
7.1. Titoli miżmumin għal finijiet ta' politika monetarja			9. Il-kontroparti ta' drittijiet speċjali ta' kreditu allokat mill-IMF		
7.2. Titoli oħra			10. Krediti Intra-Eurosistema		
8. Dejn tal-gvern ġenerali ddenominat f'euro			10.1. Passiv ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin		
9. Krediti Intra-Eurosistema			10.2. Passiv ieħor fi ħdan l-Eurosistema (nett)		
9.1. Krediti marbutin mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE			11. Partiti fil-proċess li jiġu saldati		
9.2. Krediti marbutin mal-allokkazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema			12. Obbligazzjonijiet oħrajn		
9.3. Krediti oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (nett)			12.1. Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ		
10. Partiti fil-proċess li jiġu saldati			12.2. Dovuti u dħul miġbur bil-quddiem		
11. Assi oħrajn			12.3. Varji		
11.1. Muniti taż-żona tal-euro			13. Dispożizzjonijiet		
11.2. Assi fissi tanġibbli u intanġibbli			14. Kontijiet ta' rivalutazzjoni		
11.3. Assi finanzjarji oħrajn			15. Kapital u riżervi		
11.4. Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ			15.1. Kapital		
11.5. Dovuti u spejjeż imħallsa minn qabel			15.2. Riżervi		
11.6. Varji			16. Profitt għas-sena		
12. Telf għas-sena					
Assi totali			Passiv totali		

(!) Alternattivament il-BĊE jista' jippubblika l-ammonti eżzatti f'euro, jew ammonti rrawndjati b'mod differenti

(?) It-tabella tal-assi tista' tiġi ppubblikata wkoll fuq it-tabella tal-passiv.

ANNEX III

KONT TAL-QLIGĦ U T-TELF IPPUBBLIKAT TAL-BĊE

(EUR miljun (1))

Kont tal-qligħ u t-telf għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru ...	Rapportar sena	Sena preċedenti sena
1.1.1. Dħul minn imgħax fuq assi ta' riżervi barranin		
1.1.2. Dħul minn imgħax li jirriżulta mill-allokkazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema		
1.1.3. Dħul ieħor minn imgħax		
1.1. Introjtu minn imgħax		
1.2.1. Remunerazzjoni għal krediti tal-BĊNi fir-rigward ta' riżervi barranin trasferiti		
1.2.2. Spejjeż oħra ta' imgħax		
1.2. Spejjeż ta' imgħax		
1. Dħul nett mill-imgħax		
2.1. Qligħ/telf realizzat li jirriżulta minn operazzjonijiet finanzjarji		
2.2. Tnaqqis fil-valur ta' assi u posizzjonijiet finanzjarji		
2.3. Trasferiment lil/minn provvedimenti għar-rata tal-kambju barrani, ir-rata ta' imgħax, il-kreditu u r-riskji fil-prezz tad-deheb		
2. Riżultat nett ta' operazzjonijiet finanzjarji, tnaqqis fil-valur u provvedimenti għal riskji		
3.1. Miżati u dħul minn kummissjonijiet		
3.2. Miżati u spejjeż ta' kummissjonijiet		
3. Dħul/prezz nett ta' miżati u kummissjonijiet (2)		
4. Dħul mill-ishma u interessi ta' parteċipazzjoni azzjonarja		
5. Dħul ieħor		
Dħul totali nett		
6. Spejjeż tal-persunal (3)		
7. Spejjeż amministrattivi (3)		
8. Deprezzament ta' assi fissi tanġibbli u mhux tanġibbli		

(EUR miljun ⁽¹⁾)		
Kont tal-qligħ u t-telf għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru ...	Rapportar sena	Sena preċedenti sena
9. Servizzi ta' produzzjoni ta' karti tal-flus ⁽⁴⁾		
10. Spejjeż oħra		
(Telf)/qligħ għas-sena		

⁽¹⁾ Alternattivament il-BĊE jista' jippubblika l-ammonti eżzatti f'euro, jew ammonti rrawndjati b'mod differenti

⁽²⁾ It-tqassim bejn dħul u spejjeż jista' jkun ipprovdut alternattivament fin-noti spjegattivi tal-kontijiet annwali.

⁽³⁾ Dan jinkludi provvedimenti amministrattivi.

⁽⁴⁾ Dan l-element jintuża fil-każ ta' produzzjoni esterna tal-karti tal-flus (għall-ispejjeż tas-servizzi pprovduti mill-kumpaniji esterni responsabbli mill-produzzjoni fisem il-banek ċentrali). Huwa rakkomandat li l-ispejjeż magħmulin fir-rigward tal-ħarġa tal-karti tal-flus tal-euro għandhom jittieħdu fil-kont tal-qligħ u t-telf kif ikun hemm il-fattura għalihom jew meta jsiru, ara wkoll il-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34).

ANNEX IV

DEĊIŻJONI MĦASSRA BIL-LISTA TAGĦHA TA' EMENDI SUĊĊESSIVI

Deċiżjoni BĊE/2010/21	ĠU L 35, 9.2.2011, p. 1
Deċiżjoni BĊE/2012/30	ĠU L 356, 22.12.2012, p. 93
Deċiżjoni BĊE/2013/52	ĠU L 33, 4.2.2014, p. 7
Deċiżjoni BĊE/2014/55	ĠU L 68, 13.3.2015, p. 53
Deċiżjoni BĊE/2015/26	ĠU L 193, 21.7.2015, p. 134

ANNEX V

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Deċiżjoni BĊE/2010/21	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 3	Artikolu 4
Artikolu 6	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 8
Artikolu 8	Artikolu 9
Artikolu 9	Artikolu 10
Artikolu 10	Artikolu 11
Artikolu 11	Artikolu 12
Artikolu 12	Artikolu 13
Artikolu 13	Artikolu 14
Artikolu 14	Artikolu 15
Artikolu 15	Artikolu 16
Artikolu 16	Artikolu 17
Artikolu 17	Artikolu 18
Artikolu 18	Artikolu 19
Artikolu 19	Artikolu 20
Artikolu 20	Artikolu 21
Artikolu 21	Artikolu 22
Artikolu 22	Artikolu 23
Artikolu 23	Artikolu 24
Artikolu 24	Artikolu 25
Artikolu 25	Artikolu 26
Artikolu 26	Artikolu 27